



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ottubru 2020  
(OR. fr)

11263/20

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0273 (NLE)

---

---

PECHE 272

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika lżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika lżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,  
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania  
dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd  
u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd  
bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania,  
li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006<sup>2</sup>, daħal fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2008.
- (2) Il-Protokoll tal-Ftehim, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-istess jum għal perijodu ta' sentejn, ġie sostitwit diversi drabi.
- (3) Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Mauritania") għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll li jimplementa dak il-Ftehim.
- (4) Sabiex jiġi evitat li l-attivitajiet tas-sajd jitwaqqfu għal perijodu twil, il-Kunsill awtorizza wkoll lill-Kummissjoni biex tinneogzja estensjoni, għal perijodu massimu ta' sena, tal-Protokoll għall-Ftehim attwali<sup>3</sup> qabel jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"). Fit-8 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/1918<sup>4</sup> dwar dik l-estensjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 343, 8.12.2006, p. 4.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

<sup>3</sup> Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1918 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (ĠU L 297 I, 18.11.2019, p. 1).

- (5) Bejn Settembru 2019 u Frar 2020, saru erba' sessjonijiet ta' negozjati mal-Mauritania għall-konklużjoni ta' ftehim u protokoll ġodda. Dawn in-negozjati ma kinux konklużivi.
- (6) Minħabba s-sitwazzjoni attwali tas-saħħa kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u minkejja l-ewwel estensjoni tal-protokoll, ġie kkonstatat li n-negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim u protokoll ta' sħubija ġodda mhumiex se jiġu konklużi fil-ħin u għalhekk mhux se jiġi evitat li l-attivitajiet tas-sajd jitwaqqfu. F'dan il-kuntest, fis-26 ta' Ġunju 2020 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja estensjoni ulterjuri tal-Protokoll għal perijodu massimu ta' sena.
- (7) Sa ma jitlestew in-negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim u ta' protokoll ġodda, il-Kummissjoni nneogzjat, f'isem l-Unjoni, ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar it-tieni estensjoni għal perijodu massimu ta' sena, tal-Protokoll li jistabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri"). Fi tmiem ta' dawn in-negozjati, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ġie inizjalat fis-7 ta' Lulju 2020.
- (8) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu l-objettiv li jippermetti lill-Unjoni u lill-Mauritania jkomplu jaħdmu flimkien biex jipromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawn l-ilmijiet.

- (9) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitàjiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Mauritania, jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi applikat b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2020 jew minn kwalunkwe data oħra ulterjuri mill-iffirmar tiegħu, f'konformità mal-punt (6) tiegħu.
- (10) Jenħtieġ li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020, huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri f'isem l-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu japplika b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2020, jew minn kwalunkwe data oħra ulterjuri mill-iffirmar<sup>2</sup> tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ġie ppubblikat fil-ĠU....

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenzi tal-ĠU tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri fin-nota ta' qiegħ il-paġna hawn fuq.

<sup>2</sup> Id-data li minnha l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri se jiġi applikat b'mod provviżorju se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ... ,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---